# Il-Knisja Parrokkjali 225 sena kkonsagrata



President Onorarju Nazzareno Agius



*Il-Knisja ta' Ħal Għaxaq*

L-ewwel ġebla tal-knisja tqiegħdet fl-1733. Il-knisja għandha forma ta' Salib Latin. L-istil tagħha huwa wieħed Barokk u fiha jispikkaw il-pilastri doppji u għoljin bil-kapitelli korintin. Tispikka l-prima u s-sekonda ordni mifrudin bi friż imdaqqas u kollox jgħaqqad bi trol għoli. Il-pilastri huma mifrudin b'arkati kbar li joħolqu l-ispazju tal-artali. L-iskop prinċipali tal-Barokk huwa li jeżalta l-glorja f'ambjent tejatrali u Sebstiano Saliba ħareġ dan l-effett tajjeb ħafna b'qisien eċċellenti li jikrejaw armonija perfetta fl-ambjent kollu. Fit-tieqa tal-faċċata naraw l-annu 1756 imnaqqax id-data li fiha tlestiet il-knisja mill-ġebel, imma kellhom jgħaddu 28 sena jiġifieri fl-1784 sakemm kienet lesta għall-konsagrazzjoni.

It-tempju ta' Ħal Għaxaq huwa wieħed mill-isbaħ tempji li għandna f'Malta u ma ninsewx li fi żmien li nbniet kienet il-ħames l-itwal waħda. Itwal minnha kien hemm il-Konkatidral ta' San Ġwann (187 pied), il-Bażilika ta' Birkirkara (177 pied), il-Katidral tal-Imdina (170 pied), San Filep Ħaż-Żebbuġ (165 pied) u l-knisja tagħna fiha (158 pied). Fil-korsija tan-nisa nsibu erba' artikli ddedikati lil San Ġużepp, lis-Ssma Trinità, lill-Madonna tal-Karmnu u lill-Kunċizzjoni.



*L-altar Maġġur*

Fl-1759, dan l-artal kien lest mill-iskultura u l-kwadru kien f'postu. Fl-1890 ġie miksi b'irħam minn Giuseppa Żammit. Il-kwadru ġie impitter minn Francesco Żahra u jġib id-data tal-1765. Dan il-kwadru kien meqjum fit-tieni knisja parrokkjali. Il-kwadru tal-Kunċizzjoni tpitter minn Rokku Buhagiar. Dan tlesta fl-1776. L-altar tal-Kunċizzjoni ġie miksi bl-irħam fl-1901 u ħallas għalih il-Kavallier Salvu Naudi.



*Statwa ta' San Ġużepp*

L-altar tat-Trinità kien magħruf b'diversi ismijiet marbuta ma' diversi devozzjonijiet, per eżempju San Gaetano u Sant' Antnin. Dan il-kwadru ġie mpinġi minn Francesco Zahra. Dan il-kwadru jġib id-data tal-1759 u fl-1841 inkesa bl-irħam. Dan l-altar insibuh ukoll tal-Eċċe Homo għax qabel kien hemm dan il-bust fuq l-altar ta' San Ġużepp u l-anġlu peress li kienet daħlet id-devozzjoni tal-festa tal-anġlu kustodju. Il-kwadru ġie mpitter minn Francesco Żahra.

Fit- 2 ta' Diċembru 1750, l-Isqof Rull waqqaf il-Fratellanza ta' San Ġużepp li kompliet tieħu ħsieb il-festa ta' San Ġużepp. Fl-1777, l-altar kien diġà miksi bl-irħam. Fuq l-altar ta' San Ġużepp kien hemm urna tal-Bambin u allura kienet issir fuq l-altar il-festa tal-Milied. L-istatwa ta' Santa Marija saret minn Mariano Gerada u tlestiet fl-1808. Hija skultura fl-injam. Bir-restawr li għadu kif sarilha erġajna qegħdin ingawduha kif kienet 200 sena ilu. Fin-niċċa ta' Santa Marija hemm garigor li jibqa' tielgħa sal-bejt tal-Knisja. Il-Fonti tal-Magħmudija huwa tal-Irħam b'konopew tal-


*Korsija xogħol ta' Envin Cremona*

injam skulturat. Dan għandu l-istil tal-battisteru ta' wara l-konċilju ta' Trentu. Il-Fonti tal-Ilma Mbierek tal-Magħmudija jitpoġġa ħdejn il-bieb il-kbir biex jissimbolizza li issa t-tarbija tgħammdet, inħafrilha d-dnub tan-nisel u għalhekk issa tista' tidħol fil-knisja. Il-battisteru għadu importanti ħafna għaliex jintuża fil-pussess tal-Kappillani. Il-korsija tan-nisa bl-irħam fl-1908 u tħallas minn Ġużeppi Slythe.

Madwar il-knisja nsibu 12-il salib tal-konsagrazzjoni. Dawn huma tal-irħam interzjat u huma oriġinali; kull salib huwa ddekorat b'par puttini skulturati fil-ġebla. Kull par għandu pożizzjoni differenti. Dawn is-slaleb kienu jindilku biż-żejt u l-balzmu. It-12-il salib huwa marbut mat-12-il Appostlu li fuqhom hemm is-sisien tal-Knisja Kattolika. Il-pittura tal-Korsija tan-nisa saret minn Envin Cremona fl-1965 li daħħal tliet kwadri kbar li juru t-twelid tal-Madonna, t-Tħabbira tal-Anġlu u Maria Santissima żżur lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta. Fil-mitri tat-twieqi nsibu sitt Appostli flimkien ma' nisa tal-Antik Testment. Fuq it-tieqa tal-bieb il-kbir insibu lill-Madonna Tirfes is-serp u l-figuri t'Adam u Eva. Fuq il-bibien tan-nisa nsibu żewġ kwadri, wieħed il-Madonna qiegħda żżur lil Eliżabetta, u l-ieħor, il-Madonna u San Ġużepp qegħdin jippreżentaw lil Ġesù fit-Tempju. Fil-Kappellun tar-Rużarju nsibu l-altar tar-Rużarju. Wieħed jinnota l-iskultura madwar il-prosepettiva kollha li tibqa tielgħa sa fuq l-arzella.


*Il-korsija tal-Agunija*

L-iskop tal-Barokk kien propju dak li jħallik kważi miblugħ u tisthajlek li qiegħed propju fil-ġenna. Din l-iskultura kollha tlestiet madwar l-1777. Il-pittura tar-Rużarju hija ta' Franġisku Zahra u ġġib id-data tal-1748. Bħala sotto-kwadru f'dan l-altar insibu t-Tlugħ fis-sema tal-Mulej ta' Rokku Buhagiar li tpoġġa f'postu bejn l-1775 ul-1780. L-altar ġie miksi bl-irħam fl-1893 minn Dun Ġużepp Camenzuli.


*Il-korsija tar-Rużarju*

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju hija antika ħafna fil-parroċċa u tmur lura sa minn qabel Ħal Għaxaq sar parroċċa. Il-fratellanza ġiet imwaqqfa bejn l-1626 u l-1634 u għadha sal-lum tieħu ħsieb il-festa tal-Madonna tar-Rużarju li jsir fl-ewwel Ħadd t'Ottubru. Il-Madonna tar-Rużarju hija statwa tal-injam u saret mill-Iskultur Żejtuni Xandru Farrugia fl-1823. Iż-żewġ kwadri li hemm madwar l-altar tar-Rużarju jirrappreżentaw lil Santa Katerina ta' Lixandra u lil San Mikiel Arkanġlu.


*Madonna tar-Rużarju*

L-altar ta' Sant'Anna jew tal-Madonna tal-Grazzja hu l-uniku kwadru ta' forma rettangolari. Jidher li huwa xogħol Francesco Zahra li jġib id-data tal-1741. Dan huwa l-eqdem kwadru fil-knisja. L-altar inkesa bl-irħam minn Dun Marċell Mallia u kien diġà lest fl-1797. Dan l-altar ġie ikkonsagrat fl-1 ta' Mejju 1784, ġurnata qabel il-konsagrazzjoni tal-knisja. Ma' dan l-altar hemm ukoll marbuta d-devozzjoni ta' San Fidel Martri. Il-korp tiegħu ġie ttrasportat minn Ruma fil-15 ta' Jannar 1797. L-isqof Mons. Franġisk Caruana ta indulġenza t'40 jum għal min jgħid Missierna, Sliema u Glorja f'ġieħ dan il-qaddis b'digriet li ħareġ fit-30 ta' Ġunju 1839. Il-pittura tas-Saqaf insibu l-Adorazzjoni tal-Maġi, 4



*Tieġ ta' Kana*

Papiet li kellhom devozzjoni kbira lejn il-Madonna u żewġ Appostli. Dan is-saqaf kien lest fl-1970 fi żmien il-parrokkat ta' Dun Karm Żammit.

Il-Kappellun tal-Agunija huwa eżempju ieħor eċċellenti tal-iskultura Barokka. Id-disinn u l-mudell jikkomplimenta l-kappellun tar-Rużarju u wieħed għandu jifhem li anke l-Kor kien isegwi l-istess disinn. L-iskultura kienet lesta fl-1777 waqt li l-kwadru kien lest fl-1750. Il-pittura tal-kwadru hu ta' Francesco Zahra, però l-għajdud qiegħed li dan il-kwadru hu ta' Ġian Nikol Buhagiar flimkien maż-żewġ kwadri l-oħra li jirrappreżentaw lil Ġesù fl-Ort u lil Ġesù mgħobbi bis-salib.

Il-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù ġie imqiegħed fl-1780 u sar minn Rokku Buhagiar. Meta nbniet il-Knisja l-ġdida l-altar kien iddedikat lil Marija mħabbra mill-Anġlu u nbena fuq il-lemin tal-altar maġġur.



*Il-Kwadru Titulari*



*San Ġwann*



*San Luqa*



*San Mattew*



*San Mark*

Dan l-altar bnieh is-Sur Giuseppi Tabone, in-neputi t'Andreano biex ikompli jissodisfa l-Legat li ħallew iz-zijiet tiegħu u biex issir il-festa tal-Lunzjata kull sena. Mons. Isqof Alpheran De Busson aċċetta wkoll li dan l-altar ikun ġuspatronat ta' Ġiuseppe Tabone. Il-pittura tal-kwadru hija attribwita lil Francesco Zahra u saret fl-1744. Dan l-altar ġie wkoll ikkonsagrat ġurnata qabel il-knisja parrokkjali. F'dan iż-żmien l-altar kien miksi diġà bl-irħam. Taħt it-taraġ tal-altar hemm midfuna żewġ qassisin aħwa; Dun Salv u Dun Anġlu Tabone.

Dun Anġ Tabone twieled fl-24 ta' Novembru 1684 u miet fl-14 t'Awwissu 1749. Dun Salv twieled fid-19 ta' Diċembru 1690 u miet fit-2 ta' Lulju 1743. F'dan il-kappellun insibu l-istatwa ta' San Ġużepp. Din l-istatwa hija tal-injam u saret mid-ditta Bartarelli ta' Milan. Din l-istatwa ġiet fir-raħal u tbierket fit-30 ta' Novembru 1932. Ftit wara fl-1935 ġiet żgraffita u ndurata kif narawha llum. Fl-art tal-kappellun naraw żewġ lapidi tal-irħam interzjat. Dawn l-oqbra huma tal-familji Scicluna u Naudi. Lapida oħra hija tal-familja Castagna u f'dan il-qabar indifen Filippo Catagna, Għaxqi li ħadem ħafna fl-irvell kontra l-Franċiżi bejn l-1798 u l-1799.

Il-pittura fis-saqaf tal-Kappellun tal-Agunija sar minn Emvin Cremona fl-1970 fi żmien il-parrokkat ta' Dun Karm Żammit. Il-kwadru prinċipali juri t-tieġ ta' Kana meta Ġesù għamel l-ewwel miraklu, fuq il-mitri

nsibu żewġ Appostli u madwar it-twieqi nsibu 4 qaddisin profeti li tkellmu fuq il-Madonna. L-altar tal-kor huwa wkoll l-altar Titulari.

Il-Knisja hija kkonsagrata lil Alla taħt it-Titlu tat-Tlugħ is-Sema ta' Marija Verġni. It-Tlugħ is-Sema ta' Marija Verġni fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem saret Domma tal-Fidi fl-1 ta' Novembru 1950 mill-qatt minsi l-Papa Piju XII. Il-kwadru Titulari huwa attribwit lil Ġian Nikol Buhagiar u sar fis-sena 1745. Dan il-kwadru ħallas għalih Dun Ġwann Filippu Żammit, il-fundatur tal-Kappella ta' San Filippu. Il-kwadru ovali ta' Santu Wistin u San Remiġju u Sant' Injazju u San Franġisk Saverju xogħol Gian Nikol Buhagiar tqiegħdu f'posthom fl-1745. Il-pittura tas-saqaf, l-arzella, San Pietru, San Pawl, u 4 profeti tal-Antik Testment saru minn Ġianni Vella fl-1948. Fl-arzella nsibu lil Marija Omm San Ġwakkin u Sant'Anna. L-artal maġġur tqiegħed f'postu kif tlestiet il-Knisja mill-bini tal-ġebla. Il-benefattur ta' din l-opra sabiħa u rikka kien il-kjeriku Karlu Mamo. L-altar kien inawgurat fl-14 t'Awwissu 1757.

Fir-Reġistru tal-Magħmudija, fl-arkivji tal-Parroċċa tgħidilna l-artal maġġur, inklużi t-turġien u t-Tabernaklu tal-irħam, bil-bieba u ċ-ċavetta tat-Tabernaklu tal-fidda tħallsu mill-Kjeriku Karlu Mamo. Il-girlanda tal-irħam ukoll tqiegħdet fiċ-ċentru tal-artal fuq it-Tabernaklu fis-sena 1776 b'wegħda minn Ġużeppi Mallia.


*Il-Kwadru tar-Rużarju*


*Dehra tal-Knisja mill-ġenb tal-altar*

Il-presbiterju madwar l-artal maġġur huwa mdawwar b'kanċell tal-injam li tqiegħed fis-sena 1948 bħala ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna talli l-Knisja ħelsitha mill-qilla tal-għadu fit-tieni gwerra fi żmien il-parrokkat ta' Dun Ġużepp Naudi u Dun Alwiġ żejjnu bi tliet gradi tal-bronż. Taħt it-turġien tal-artal maġġur hemm qabar li fih hemm midfun il-Kappillan Dun Mikiel Brincat fis-sena 1731.


*Il-polptu waqt il-paniġierku f'Santa Marija*

Aħna u deħlin fis-sagristija l-ġdida nsibu niċċa li fiha naraw statwa tal-Madonna tad-Duluri, xogħol Karlu Darmanin. Dan l-istatwarju kellu rabta ma' Ħal Għaxaq peress li l-mara tiegħu kienet Għaxqija u għamel xi żmien joqgħod hawn ukoll. L-istatwa ġġib id-data tal-1901. Fis-sagristija nsibu wkoll in-niċċa tal-monument li kien inġieb minn Ruma u hu l-eqdem vara li kien inġieb minn Ruma u hu l-eqdem vara li kien hawn f'Ħal Għaxaq.

Fuq in-niċċa tal-monument naraw kwadru titulari antik tat-tieni knisja parrokkjali. Dan huwa teżor kbir. Dan il-kwadru huwa xogħol lokali tas-seklu 17 u fih jispikka l-element rinaxximentali fejn il-kwadri bdew jinbidlu minn xi ħaġa ċatta ta' ikoni għal aktar forom tridimensjonali. Fis-sagristija nsibu wkoll statwa żgħira ta' San Mikiel. Din l-istatwa hija kopja ta' statwa akbar tal-istess qaddis li tinsab f'Bormla. Din l-istatwa hija attribwita



*L-entratura tal-Knisja*

lil Mariano Gerada minn fdal tal-injam li Mariano uża biex saret l-istatwa ta' Santa Marija.

Fis-sagristija naraw ukoll relikwarju sabiħ ħafna li fih diversi relikwi tal-qaddisin. Il-kor fil-Knisja Parrokkjali huwa wieħed ta' daqs konsiderevoli u fil-fatt għandu l-istess spazju li għandhom il-kappelluni. Il-kor huwa mdawwar b'sedji ta' njam aħmar. Ħareġ il-flus għalihom Dun Marċell Mallia, benefattur kbir tal-Knisja u l-Kleru tal-Parroċċa u saru fl-1802. Il-leġiju li naraw f'nofs il-kor huwa l-istess wieħed li kien fil-Knisja Parrokkjali ta' qabel din. Il-kor huwa wkoll imżejjen u attrezzat b'orgni mill-isbaħ. Dan sar fis-sena 1769 u aktarx ħallas għalih Dun Marċell Mallia wkoll.

Dan huwa orgni tas-sfafar li fih tinsab l-influwenza tal-iskola Naplitana. L-orgni jaħdem permezz ta' minfaħ li kien jitħaddem minn abbati u l-organista kien jikkontrolla s-sfafar permezz ta' minfaħ u testjiera u pidali tas-saqajn. L-orgni m'għadux jintuża għax fih ħafna ħsara.

Fil-kuritur għas-sagristija l-qadima nsibu statwa tal-Ecce Homo li nħadmet mill-istatwarju Peppi Vella mill-Belt Valletta fis-sena 1830. Il-koppla tpittret minn Ġanni Vella fl-1947. Fiha pinġa t-tmien doni tal-Ispirtu s-Santu. L-erba' Evanġelisti huma skulturati fil-ġebla. Taħt dawn l-Evanġelisti kien hemm erba' armi li tqaċċtu meta bdiet titqaċċat l-iskultura tal-kor. Il-knisja hija mgħammra wkoll b'żewġ kampnari, wieħed kien lest fl-1752 u l-ieħor tlesta fl-1852.

Li tlesta l-ewwel fl-1762 fih 4 qniepen, iż-żgħira, l-ġenwiża, il-fustanija u ta' Dun Marċell u fih hemm ukoll l-arloġġ. Fl-ieħor hemm il-qanpiena l-kbira u ċ-ċoqlajta. Il-qanpiena l-kbira saret f'Ġenova mid-ditta Andrea Maggiolo fl-1862. Il-koppla minn barra hija biċċa xogħol mill-isbaħ. Għandha tambur imponenti bi twieqi kbar daqs tal-kumplament tal-knisja. L-arloġġ kien inħadem minn Mikiel Anġ Sapiano mill-Imqabba, wieħed mil-akbar inġiniera Maltin. Il-fustanija jew tal-mejtin saret fl-1744 u hija l-eqdem qanpiena fil-kampnari tar-raħal. Il-qanpiena ta' Dun Marċell turi d-data tal-1851. Din saret f'Ġenova mid-ditta Giovanni Buzzoli. Il-ġenwiża hija qanpiena li saret flimkien ma' ta' Dun Marċell fl-1851 mill-istess ditta. Iż-żgħira saret fil-1934 u fil-fatt hija l-aktar waħda riċenti. Ma' din id-dawra li għamilna mal-Knisja Parrokkjali lestejna t-tagħrif li kellna ddettaljat fuq it-tempju majestuż ta' Ħal Għaxaq.



*Statwa Titulari ta' Santa Marija*